

Brussell, 16 ta' April 2025
(OR. en)

8141/25

MI 224
ETS 10
COMPET 271
VETER 44
DELECT 42

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 2128 final
Suġġett:	DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'10.4.2025 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 2128 final.

Mehmuż: C(2025) 2128 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.4.2025
C(2025) 2128 final

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.4.2025

**li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-
rekwiżiti minimi ta' taħriġ għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju**

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali¹ ("id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali") ikkonsolidat rekwiżiti minimi armonizzati ta' taħriġ għal għadd ta' professjonijiet li qabel kienu stabbiliti f'diversi direttivi separati. Ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju inizjalment ġew stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 78/1027/KEE².

Fil-Green Paper tagħha tal-2011 dwar il-modernizzazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali³, il-Kummissjoni Ewropea rrikonoxxiet il-ħtieġa li jiġu mmodernizzati f'fażijiet ir-rekwiżiti minimi armonizzati ta' taħriġ. Fil-kuntest tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali permezz tad-Direttiva 2013/55/UE⁴, l-awtoritajiet nazzjonali, l-istituzzjonijiet ta' taħriġ, u l-organizzazzjonijiet professjonali indikaw li l-professjonijiet koperti mill-Kapitolu III, it-Titolu III, tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali, inklużi l-kirurgi veterinarji, evolwew b'mod sinifikanti minn meta r-rekwiżiti minimi ta' taħriġ tagħhom ġew armonizzati.

Filwaqt li ċerti bidliet fir-rekwiżiti minimi armonizzati ta' taħriġ saru bid-Direttiva 2013/55/UE, ma sar l-ebda rieżami komprensiv fir-rigward tar-rekwiżiti minimi għall-professjoni tal-kirurgi veterinarji, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

- il-programmi ta' taħriġ elenkati fil-punt 5.4.1 tal-Anness V tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali;
- il-lista ta' għarfien u ħiliet minimi li għandhom jinkisbu matul it-taħriġ (l-Artikolu 38(3) tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali).

Minflok, il-Kummissjoni nġhatat setgħat delegati permezz tad-Direttiva 2013/55/UE biex tintroduċi aġġornamenti, jekk meħtieġ, għar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u tekniku rikonoxxut b'mod ġenerali:

- L-Artikolu 21(6) tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex taġġorna d-dispożizzjonijiet fid-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali dwar l-għarfien u l-ħiliet imsemmija fl-Artikolu 38(3);
- L-Artikolu 38(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex taġġorna l-programmi ta' taħriġ inklużi fil-punt 5.4.1 tal-Anness V tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali.

Dan l-att delegat huwa bbażat fuq iż-żewġ għotjiet ta' setgħat imsemmijin hawn fuq.

Il-Kummissjoni vvalutat jekk ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali għall-professjoni tal-kirurgi veterinarji jeħtiġux aġġornament fid-dawl

¹ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

² Id-Direttiva tal-Kunsill 78/1027/KEE tat-18 ta' Diċembru 1978 li tikkonċerna l-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fir-rigward tal-attivitajiet ta' kirurgu veterinarji (ĠU L 362, 23.12.1978, p. 7).

³ Green Paper, Nimmodernizzaw id-Direttiva tal-Kwalifiki Professjonali, KUMM(2011) 367 finali.

⁴ Id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 132).

tal-progress xjentifiku u tekniku rikonoxxut b'mod ġenerali. Ġie kkummissjonat studju biex jgħin lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tagħha. L-istudju kellu l-għan li jesplora l-iżviluppi fir-rekwiżiti ta' taħriġ għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju fl-Istati Membri u fl-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (l-EFTA) kollha⁵. Għal dak l-għan inġabret data fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali permezz ta' riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni u konsultazzjonijiet immirati mal-partijiet ikkonċernati. Il-ġbir tad-data ffoka fuq l-iżviluppi li ġejjin fir-rekwiżiti tat-taħriġ fil-livell nazzjonali:

- avvanzi xjentifiċi u tekniċi li jaffettwaw il-professjoni ta' kirurgu veterinarju;
- il-programmi ta' taħriġ kif ukoll l-għarfien u l-ħiliet li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali u li jirriflettu kwalunkwe adattament għall-avvanzi xjentifiċi u tekniċi.

Twettqet ukoll valutazzjoni komparattiva tad-data miġbura. Din iffokat fuq l-iżviluppi u l-aspetti komuni bejn ir-rekwiżiti tat-taħriġ fl-Istati Membri u l-Istati tal-EFTA kollha fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku rikonoxxut b'mod ġenerali. Għal dak l-għan, inħolqot definizzjoni operattiva ta' progress xjentifiku u tekniku "rikonoxxut b'mod ġenerali", li tikkonsisti f'avvanzi xjentifiċi u tekniċi li ġew osservati f'mill-inqas 16-il Stat Membru jew Stat tal-EFTA. Ir-riżultati tal-istudju ġew ippreżentati lill-partijiet ikkonċernati rilevanti matul sessjoni ta' ħidma u waqt laqgħa tal-grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali⁶. Abbażi tal-feedback riċevut mingħand il-partijiet ikkonċernati, ġew abbozzati l-konklużjonijiet tal-istudju, li jissuġġerixxu aġġornamenti għar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali fir-rigward tal-programmi ta' taħriġ u tal-għarfien u l-ħiliet.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Skont il-prinċipji tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁷, il-Kummissjoni kkonsultat dwar l-abbozz ta' direttiva delegata mal-esperti mill-grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali bejn id-9 ta' April 2024 u s-7 ta' Mejju 2024 u f'laqgħa online tal-grupp ta' koordinaturi fl-20 ta' Ġunju 2024.

Wara l-konsultazzjoni mal-grupp ta' koordinaturi, saru l-bidliet li ġejjin f'dan l-abbozz ta' direttiva delegata:

- Fl-Anness V (5.4.1) (B) (a), il-kliem "Farmakoloġija" u "Farmaċija" ġie sostitwit bil-kliem "Farmaċija, farmakoloġija u farmakoterapija (inkluża r-reżistenza antimikrobika)".
- Fl-Anness V (5.4.1) (B) (b) "veterinarju" ġiet miżjuda mat-tieni parti tas-suġġett "Leġiżlazzjoni veterinarja u l-mediċina forensika".

Fid-dawl tal-kummenti u l-mistoqsijiet indirizzati lilha matul il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni tfakkar li, skont in-natura tal-att, meta jittrasponu r-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fid-Direttiva 2005/36/KE fil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-forma u

⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, Mapping and assessment of developments for sectoral professions under Directive 2005/36/EC – The profession of veterinary surgeon, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, <https://data.europa.eu/doi/10.2873/977309>.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2007 għall-ħolqien ta' grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (ĠU L 79, 20.3.2007, p. 38).

⁷ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

l-metodu ta' traspożizzjoni sakemm jintlaħqu l-oġġettivi u huwa ċar mill-qafas legali nazzjonali li hemm obbligu fuq l-istituzzjonijiet tat-taħriġ biex jimplimentaw kull rekwiżit minimu ta' taħriġ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnotta li l-kirurgi veterinarji li huma ċittadini ta' Stat Membru u li kisbu kwalifika professjonali elenkata fil-punt 5.4.2 tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE wara li jkunu segwew kors ta' taħriġ li beda qabel tmiem il-perjodu ta' traspożizzjoni stabbilit f'din id-direttiva delegata, u li ssodisfa r-rekwiżiti minimi ta' taħriġ skont id-Direttiva applikabbli meta beda t-taħriġ, jibbenefikaw minn rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali tagħhom skont l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2005/36/KE.

L-abbozz ta' direttiva delegata kien soġġett għal feedback pubbliku fil-pjattaforma tal-Kummissjoni "Semma' Leħnek" bejn it-23 ta' Settembru 2024 u l-21 ta' Ottubru 2024. Wara l-konsultazzjoni pubblika, saru l-bidliet li ġejjin f'dan l-abbozz ta' direttiva delegata:

- Fl-Artikolu 38, il-paragrafu 3, "bijosigurtà" ġiet miżjuda mal-punt (d).
- Fl-Artikolu 38, il-paragrafu 3, "ġestjoni tad-data" ġiet miżjuda mal-punt (i).

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Is-setgħa li jiġi adottat dan l-Att Delegat hija prevista fl-Artikoli 21(6) u 38(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali.

L-Artikolu 1(1) ta' dan l-Att Delegat jagħmel użu mid-delega li tinsab fl-Artikolu 21(6) tad-Direttiva u jstabbilixxi l-emendi tad-Direttiva fir-rigward tal-għarfien u l-ħiliet meħtieġa għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju.

L-Artikolu 1(2) jagħmel użu mid-delega li tinsab fl-Artikolu 38(1) tad-Direttiva u jirreferi għall-Anness ta' dan l-Att Delegat li fih huma stabbiliti emendi tal-programm minimu ta' taħriġ għal din il-professjoni.

L-Artikolu 2 jstabbilixxi l-perjodu għat-traspożizzjoni tal-Att Delegat u r-rekwiżiti għall-Istati Membri biex jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-miżuri li jadottaw.

L-Artikolu 3 jstabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att Delegat.

L-Artikolu 4 jispeċifika d-destinatarji tal-Att Delegat.

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.4.2025

li temenda d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali¹ u, b'mod partikolari, l-Artikolu 21(6), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 38(1), it-tieni subparagrafu, tagħha,

Billi:

- (1) Ir-rekwiżiti minimi armonizzati ta' taħriġ għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju huma stabbiliti fl-Artikolu 38 tad-Direttiva 2005/36/KE kif ukoll fil-punt 5.4.1 tal-Anness V ta' dik id-Direttiva.
- (2) Fil-Green Paper tagħha tal-2011 dwar il-modernizzazzjoni tad-Direttiva 2005/36/KE², il-Kummissjoni rrikonossiet il-ħtieġa li jiġu mmodernizzati r-rekwiżiti minimi armonizzati ta' taħriġ f'fażijiet differenti.
- (3) Fil-kuntest tal-emenda tad-Direttiva 2005/36/KE permezz tad-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, l-awtoritajiet nazzjonali, l-istituzzjonijiet akkademiċi, u l-organizzazzjonijiet professjonali indikaw li l-professjonijiet koperti mit-Titolu III, il-Kapitolu III tad-Direttiva evolwew b'mod sinifikanti minn meta r-rekwiżiti minimi rispettivi ta' taħriġ tagħhom ġew armonizzati.
- (4) Filwaqt li d-Direttiva 2013/55/UE rrevediet sa ċertu punt l-għarfien u l-ħiliet għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju kif stabbilit fl-Artikolu 38(3) tad-Direttiva 2005/36/KE, ma saret l-ebda bidla sostanzjali fis-suġġetti tal-programm ta' studju elenkati fil-punt 5.4.1 tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE.
- (5) L-Artikolu 21(6) tad-Direttiva 2005/36/KE, kif emendat, jagħti lill-Kummissjoni setgħat delegati biex tintroduċi, f'konformità mal-Artikolu 57c tad-Direttiva 2005/36/KE, aġġornamenti għar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ sabiex tadattahom għall-progress xjentifiku u tekniku rikonossut b'mod ġenerali sabiex jirriflettu l-evoluzzjoni tal-liġi tal-UE li taffettwa direttament lill-professjonisti kkonċernati.

¹ ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2005/36/oj>.

² Green Paper, Nimmodernizzaw id-Direttiva tal-Kwalifiki Professjonali, COM(2011)367 finali tat-22 ta' Ġunju 2011.

³ Id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 132, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2013/55/oj>).

- (6) Il-Kummissjoni vvalutat jekk ir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju, kif stabbiliti fid-Direttiva 2005/36/KE, jenħtieġ li jiġu aġġornati fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku rikonoxxut b'mod ġenerali.
- (7) Sar studju biex jgħin lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni tagħha. L-għan tal-istudju kien li jesplora l-iżviluppi fir-rekwiżiti ta' taħriġ għall-professjoni ta' kirurgu veterinarju fl-Istati Membri u l-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (l-EFTA) kollha. Għal dak l-għan inġabret data fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali permezz ta' riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni u konsultazzjonijiet immirati mal-partijiet ikkonċernati. Il-ġbir tad-data ffoka fuq żviluppi fir-rekwiżiti tat-taħriġ fil-livell nazzjonali: (i) l-avvanzi xjentifiċi u tekniċi li jaffettwaw il-professjoni ta' kirurgu veterinarju; (ii) il-programmi ta' taħriġ u l-għarfien u l-ħiliet li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fid-Direttiva 2005/36/KE u li jirriflettu kwalunkwe adattament għall-avvanzi xjentifiċi u tekniċi.
- (8) Waqt l-istudju twettqet valutazzjoni komparattiva tad-data miġbura. Din iffokat fuq l-iżviluppi fir-rekwiżiti tat-taħriġ fl-Istati Membri u l-Istati tal-EFTA kollha, u fuq l-aspetti komuni tagħhom, fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku rikonoxxut b'mod ġenerali. Għal dak l-għan, ġiet żviluppata definizzjoni operattiva ta' progress xjentifiku u tekniku "riconoxxut b'mod ġenerali", li tikkonsisti f'avvanzi xjentifiċi u tekniċi li ġew osservati f'mill-inqas 16-il Stat Membru u Stat tal-EFTA.
- (9) Ir-riżultati tal-istudju ġew ippreżentati lill-partijiet ikkonċernati matul sessjoni ta' ħidma u waqt il-laqgħa tal-grupp ta' koordinaturi għar-riconoxximent tal-kwalifiki professjonali. Abbażi tal-feedback riċevut, ġew abbozzati l-konklużjonijiet tal-istudju, li jissuġġerixxu aġġornamenti għar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fid-Direttiva 2005/36/KE fir-rigward tal-programmi ta' taħriġ kif ukoll l-għarfien u l-ħiliet.
- (10) L-istudju⁴ identifika l-avvanzi xjentifiċi u tekniċi rikonoxxuti b'mod ġenerali li ġejjin fil-programmi ta' taħriġ fl-Istati Membri u fl-Istati tal-EFTA li ma kinux rappreżentati jew li ma kinux rappreżentati biżżejjed fir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fid-Direttiva 2005/36/KE: il-kunċett ta' "Saħħa Waħda"; is-sostenibbiltà u t-transdixxiplinarjetà; l-interdixxiplinarjetà, il-ħiliet multidixxiplinari u personali; it-trattamenti u t-terapiji; is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali; is-saħħa pubblika: l-iġjene u s-sikurezza tal-ikel; il-bijoloġija, id-diġitalizzazzjoni u d-data diġitali, kif ukoll l-għodod u t-tekniki dijanjostiċi u tal-laboratorju.
- (11) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni⁵, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom, f'każijiet ġustifikati, dokument wieħed jew aktar biex jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dokumenti ta' dak it-tip hija ġustifikata.
- (12) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva 2005/36/KE tiġi emendata skont dan.

⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs, *Mapping and assessment of developments of one of the sectoral professions under Directive 2005/36/EC – The profession of veterinary surgeon – Final study*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

⁵ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1
Emendi tad-Direttiva 2005/36/KE

Id-Direttiva 2005/36/KE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 38, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “3. It-taħriġ tal-kirurgi veterinarji għandu jagħti l-garanzija li l-professjonist inkwistjoni jkun kiseb l-għarfien u l-kompetenzi li ġejjin:
- (a) għarfien tax-xjenzi li fuqhom huma bbażati l-attivitajiet tal-kirurgu veterinarju u tad-dritt tal-UE relatat ma' dawk l-attivitajiet;
 - (b) għarfien adegwat tal-istruttura, il-funzjonijiet, l-imġiba u l-bżonnijiet fiżjoloġiċi tal-annimali, kif ukoll il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-trobbija, l-għalf, il-benessri, ir-riproduzzjoni u l-iġjene inġenerali tagħhom;
 - (c) il-ħiliet u l-kompetenzi kliniċi, epidemjoloġiċi, u analitiċi meħtieġa għall-prevenzjoni, id-dijanjożi, u t-trattament tal-mard tal-annimali, kif ukoll għall-valutazzjoni u l-ġestjoni tal-uġiġ, it-twettiq sikur ta' kirurġija mhux settika, is-sedazzjoni, l-anesteżija, u l-ewtanażja, kemm jekk jitqiesu individwalment kif ukoll jekk jitqiesu fi gruppi, inkluż għarfien speċifiku dwar il-mardiet li jistgħu jiġu trażmessi lill-bnedmin;
 - (d) għarfien, ħiliet, u kompetenzi adegwati għall-mediċina preventiva, inklużi kompetenzi fir-rigward tal-bijosigurtà, tal-mistoqsijiet, u taċ-ċertifikazzjoni;
 - (e) għarfien adegwat tal-iġjene u t-teknoloġija involuti fil-produzzjoni, fabbrikazzjoni u tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni tal-ikel tal-annimali jew l-ikel li joriġina mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem, inklużi l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-fehim u l-ispjegazzjoni tal-prattiki tajba f'dan ir-rigward;
 - (f) l-għarfien, il-ħiliet, u l-kompetenzi meħtieġa għall-użu responsabbli u raġjonevoli ta' prodotti mediċinali veterinarji, sabiex jiġu trattati l-annimali u jiġu żgurati s-sikurezza tal-katina tal-ikel u l-protezzjoni tal-ambjent;
 - (g) għarfien u fehim adegwati tal-kunċett ta' “Saħħa Waħda”, inklużi l-ħiliet u l-kompetenzi għall-applikazzjoni u l-integrazzjoni tiegħu fis-saħħa pubblika veterinarja;
 - (h) għarfien tal-organizzazzjoni u tal-ġestjoni relatati ma' negozju veterinarju, inklużi l-ġestjoni tal-prattika u l-ekonomija tas-saħħa tal-annimali; għarfien, ħiliet, u kompetenzi adegwati dwar l-interazzjoni interpersonali u interprofessjonali, il-komunikazzjoni, il-ħidma f'tim, u l-kollaborazzjoni multidixxiplinari;
 - (i) għarfien adegwat tal-ġestjoni tad-data, tat-teknoloġija tal-informazzjoni, u tat-teknoloġiji diġitali, u tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-applikazzjoni Prattika tagħhom fil-qasam veterinarju.”
- (2) L-Anness V huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn ... [UP jekk jogħġbok daħħal id-data = sentejn mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 10.4.2025

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN